

Linji Gwida

dwar indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP (I-Artikolu 9(5) tas-CCPRRR)

Werrej

I.	Kamp ta' applikazzjoni	3
II.	Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet.....	4
III.	Skop	6
IV.	Obbligi ta' konformità u rapportar.....	7
V.	Linji Gwida dwar l-indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP	8
	Linja Gwida 1: Indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP mhux awtomatiċi	8
	Linja Gwida 2: Kategoriji ta' indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP	8
	Linja Gwida 3: Il-ħolqien ta' indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP	9
	Linja Gwida 4: Integrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru tas-CCP mas-sistema ta' monitoraġġ tas-CCP	11
	Linja Gwida 5: Żamma ta' indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP	11
VI.	Annessi.....	12

I. Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tas-CCPRRR u għas-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14 tal-EMIR.

Xiex?

2. Dawn il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-Artikolu 9(5) tas-CCPRRR, li jobbliga lill-ESMA sabiex tispeċificika l-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 9(3) tas-CCPRRR li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' rkupru tas-CCP. Dawn il-Linji Gwida japplikaw ukoll fir-rigward tal-Artikolu 9(4) tas-CCPRRR, peress li jipprovdu gwida dwar l-integrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru tas-CCP fi ħdan is-sistema ta' monitoraġġ tas-CCP.
3. Dawn il-Linji Gwida għandhom jinqraw flimkien mal-linji gwida tal-ESMA dwar ix-xenarji tal-pjan ta' rkupru tas-CCP (ESMA ESMA91-372-1701).

Meta?

4. Dawn il-Linji Gwida japplikaw minn xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

Referenzi leġiżlattivi

CCPRRR	Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 ¹
EMIR	Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ²
Ir-Regolament ESMA	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE ³
Ir-Regolament ta' Delega 152/2013	Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 152/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 dwar rekwiżiti kapitali għall-kontropartijiet ċentrali ⁴
Ir-Regolament ta' Delega 153/2013	Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali ⁵

¹ ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1–102

² ĠU L 201, 27.7.2012, p.1

³ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84

⁴ ĠU L 52, 23.2.2013, p. 37

⁵ ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41

Taqasiriet

<i>BAU</i>	Business as Usual
<i>BERS</i>	Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku
<i>CCP</i>	Kontroparti Ċentrali
<i>ESMA</i>	L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<i>FMs</i>	Infrastrutture tas-Suq Finanzjaru
<i>KE</i>	Il-Kummissjoni Ewropea
<i>SESF</i>	Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja
<i>UE</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>ŻEE</i>	Żona Ekonomika Ewropea

Definizzjonijiet

5. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, it-termini użati f'dawn il-linji gwida għandhom l-istess tifsira bħal fis-CCPRRR, fl-EMIR u fir-Regolamenti ta' Delega 152/2013 u 153/2013.

III. Skop

6. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 9(5) tas-CCPDRR u nħarġu f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA. L-objettivi ta' dawn il-Linji Gwida huma li jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċienti u effettivi fi ħdan is-SESF u li tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-Artikolu 9(3) tas-CCPDRR. B'mod partikolari, għandhom l-għan li jispeċifikaw il-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' rkupru tas-CCP. Tali indikaturi għandhom jiġu evalwati mill-awtoritajiet kompetenti bħala parti mill-evalwazzjoni tagħhom ta' pjanijiet ta' rkupru kif stipulat fl-Artikolu 10 tas-CCPDRR u f'konformità miegħu.
7. L-objettiv tal-preparazzjoni ta' sett ta' indikaturi ta' pjan ta' rkupru huwa li jiġi ddefinit sett ta' skattaturi li għandhom jintużaw minn kull CCP sabiex jiġu ddefiniti l-punti li fihom għandha tiddeċiedi tiħux azzjoni skont il-pjan ta' rkupru tagħha jew le, u li jiġi ddeterminat liema azzjonijiet jew miżuri partikolari inklużi fil-pjan ta' rkupru jistgħu jittieħdu, f'konformità mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fis-CCPDRR.
8. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA, l-ESMA tista' toħroġ linji gwida bl-għan li jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċienti u effettivi fi ħdan is-SESF, u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tad-dritt tal-Unjoni. B'dan l-għan, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida jiġi estiż lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni stabbilit mill-Artikolu 9(5) tas-CCPDRR, bl-introduzzjoni tal-Linja Gwida 4 li tkopri l-integrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru tas-CCP mas-sistema ta' monitoraġġ tas-CCP. L-iskop ta' din il-għida huwa li tiżgura l-monitoraġġ tat-tipi u s-sorsi rilevanti kollha ta' riskju u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistema ta' monitoraġġ, peress li dawn huma passi neċċesarji sabiex jiġi żgurat li l-indikaturi ta' pjan ta' rkupru huma ġeneralment effettivi.

IV. Obbligi ta' konformità u rapportar

Status tal-Linji Gwida

9. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u s-CCPs għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida.
10. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif xieraq, inkluż fejn Linji Gwida partikolari huma intiżi primarjament għas-CCPs. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti, permezz tas-superviżjoni tagħhom, għandhom jiżguraw li s-CCPs jikkonformaw mal-Linji Gwida.

Obbligi ta' rapportar

11. Fi żmien xahrejn mid-data tal-publikazzjoni tal-Linji Gwida fuq is-sit web tal-ESMA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) humiex konformi, (ii) mhumiex konformi, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u li m'għandhom il-ħsieb li jikkonformaw mal-Linji Gwida.
12. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw ukoll lill-ESMA, fi żmien xahrejn mid-data tal-publikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità mal-Linji Gwida.
13. Huwa disponibbli mudell għan-notifikasi fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jamtela l-mudell, dan għandu jiġi trażmess lill-ESMA.
14. Is-CCPs li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, b'mod ċar u dettaljat, jekk jikkonformawx ma' dawn il-Linji Gwida.

V. Linji Gwida dwar I-indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP

Linja Gwida 1: Indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP mhux awtomatiċi

15. L-iskattar ta' indikatur ta' pjan ta' rkupru tas-CCP għandu jkun event li jeħtieġ l-attenzjoni tal-manġment superjuri jew tal-Bord tas-CCP sabiex jibdew jikkunsidraw u jiddeċiedu, każ b'każ, jeħdu azzjoni skont il-pjan ta' rkupru tas-CCP, u jiddeterminaw liema miżuri ta' rkupru partikolari jistgħu jittieħdu, skont il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fis-CCPRRR. L-iskattar ta' indikatur ta' pjan ta' rkupru tas-CCP, għalhekk, ma għandux jinfiehem bħala event li jiġġenera reazzjoni awtomatika.

Linja Gwida 2: Kategoriji ta' indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP

16. Is-CCP għandha tħalli fil-pjan ta' rkupru tagħha l-kategoriji ta' indikaturi seguenti:

Indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP ibbażati fuq il-pożizzjoni tagħhom fil-pjan ta' rkupru u l-grad ta' deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja jew operazzjonal ta' tas-CCP:

- a) Kategorija (a) ("Indikaturi li jipprovdu twissija bikrija għal azzjonijiet ta' rkupru"):
 - (i) Dawn I-indikaturi jindikaw probabbiltà materjali tal-bżonn li jintużaw miżuri ta' rkupru sa fejn dawn jistgħu jkunu jeħtieġ l-iskattar tal-proċess ta' governanza neċċesarju għall-attivazzjoni tal-pjan ta' rkupru tas-CCP (fi kliem ieħor, il-livell ta' risku jkun għoli biżżejjed biex l-attivazzjoni tal-pjan ta' rkupru tkun possibbli għalkemm għadha mhix ċerta).
 - (ii) Dawn I-indikaturi għandhom jiġu kkalibrati u stabbiliti f'livell xieraq mis-CCP sabiex:
 - jirriflettu l-karatteristiċi u l-ispeċċifitajiet tas-CCP fir-rigward tal-profil tar-riskju tagħha (inkluż il-livell ta' kumplessità, struttura, eċċ.).
 - jipprovdu, meta jiġu skattati, biżżejjed żmien għas-CCP biex tibda l-proċess ta' governanza, tinnotifikasi lill-maniġment superjuri jew lill-Bord tas-CCP, twettaq evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u tinnotifikasi lill-awtorità kompetenti, bi grad adegwaw ta' antiċipazzjoni qabel l-applikazzjoni tal-miżuri ta' rkupru;
 - jindikaw probabbiltà għolja biżżejjed tal-bżonn tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' rkupru, sabiex ma jissovrapponux ma' indikaturi ta' twissija bikrija użati għall-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' BAU; u
 - ma jissovrapponux fuq l-indikaturi tal-kategorija (b) ("indikaturi li jindikaw iċ-ċaqliq mill-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' BAU għall-fażi ta' rkupru").
- b) Kategorija (b) ("Indikaturi li jindikaw iċ-ċaqliq mill-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' Business as Usual għall-fażi ta' rkupru"):

- (i) Dawn l-indikaturi jindikaw il-bidla mill-istadju tal-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' BAU għall-fażi ta' rkupru minħabba l-ħtieġa inevitabbi tal-użu ta' miżuri ta' rkupru (fi kliem ieħor, l-impatt realizzat jeċċedi rrizorsi u l-kapaċitajiet f'sitwazzjoni ta' BAU u jkun hemm bżonn ta' miżuri ta' rkupru).
- (ii) Dawn l-indikaturi għandhom jiġu kkalibrati u stabbiliti f'livell xieraq mis-CCP sabiex:
 - o jirriflettu l-karatteristiċi u l-ispeċificitàtijiet tas-CCP fir-rigward tal-profil tar-riskju tagħha (inkluż il-livell ta' kumplessità, struttura, eċċ.).
 - o jiddefinixxu b'mod ċar il-punt, is-sitwazzjoni jew il-markatur li jiskatta l-bżonn tal-użu ta' miżuri ta' rkupru; u
 - o ma jissovrapponux fuq l-indikaturi tal-kategorija (a) (“indikaturi li jipprovd twissija bikrija għal azzjonijiet ta’ rkupru”).

Indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP marbuta ma' miżuri ta' rkupru:

- c) Kategorija (c) (“Indikaturi li jindikaw l-użu ta’ miżuri ta’ rkupru speċifiċi”):
 - (i) Fejn is-CCP tattiva l-pjan ta’ rkupru tagħha, dawn l-indikaturi jipprovd informazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi jew il-limiti speċifiċi li jiskattaw l-użu ta’ miżura ta’ rkupru speċifika fejn ikun hemm diversi miżuri assenjati għal xenarju ta’ pjan ta’ rkupru wieħed. Fi kliem ieħor, miżura ta’ rkupru speċifika tkun marbuta mal-eżistenza ta’ ċirkustanzi jew konsegwenzi speċifiċi u l-indikatur jindika meta jirriżultaw dawn iċ-ċirkustanzi.
 - (ii) Dawn l-indikaturi għandhom jiggwidaw il-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjoni u jgħinu lis-CCP fl-għażla tal-miżura ta’ rkupru xierqa għas-sitwazzjoni jew iċ-ċirkustanzi inkwistjoni.
 - (iii) Fl-istess ħin, madankollu, kif digħà huwa spjegat fil-Linja Gwida 1, is-CCP iż-żomm il-flessibbiltà li tuża kwalunkwe miżura li finalment tiġi ddeterminata mis-CCP bħala l-iktar waħda xierqa għal sitwazzjoni partikolari, skont il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fis-CCPRRR. Fi kliem ieħor, is-CCP ma hijiex neċċesarjament mistennija li tuża l-miżura ta’ rkupru speċifika li hija indikata mill-indikatur.

Linja Gwida 3: Il-ħolqien ta’ indikaturi ta’ pjan ta’ rkupru tas-CCP

17. Is-CCP għandha torbot kull xenarju ta’ pjan ta’ rkupru tagħha ma’ mill-inqas:

- a) Indikatur wieħed tal-kategorija (a) (indikatur li jipprovd twissija bikrija għal azzjonijiet ta’ rkupru); u
- b) Indikatur wieħed tal-kategorija (b) (indikatur li jindika ċ-ċaqliq minn ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta’ Business as Usual għall-fażi ta’ rkupru).

18. Meta s-CCP tgħaqquad żewġ tipi ta' xenarji f'xenarju attwali wieħed (konsistenti mal-Linji Gwida dwar ix-Xenarji ta' Pjan ta' Rkupru tas-CCP - ESMA91-372-1701), is-CCP għandha torbot tali xenarju ma' mill-inqas żewġ indikaturi mill-indikaturi tal-kategorija (a) (indikatur wieħed għal kull tip ta' xenarju użat għax-xenarju kkombinat) u żewġ indikaturi mill-indikaturi tal-kategorija (b) (indikatur wieħed għal kull tip ta' xenarju użat għax-xenarju kkombinat).
19. Is-CCP għandha toħloq l-indikaturi tal-kategorija (a) u tal-kategorija (b) għal kull wieħed mix-xenarji ta' pjan ta' rkupru tagħha bl-użu tal-matriċi fit-Tabella 1 fl-Anness. Biex jiġi mxejjen kull dubju, is-CCP għandha toħloq dawn l-indikaturi għal kull xenarju ta' pjan ta' rkupru attwali inkluż il-pjan ta' rkupru tagħha (jiġifieri x-xenarji maħluqa għal kull wieħed mis-seba' tipi ta' xenarji u kwalunkwe xenarju addizzjonal, kif ukoll kwalunkwe xenarju ieħor iddiżżejjat mis-CCP, skont il-Linji Gwida dwar ix-Xenarji ta' Pjan ta' Rkupru tas-CCP - ESMA91-372-1701).
20. Dwar l-indikaturi tal-kategorija (a), CCP tista' toħloq l-indikaturi tagħha stess għal din il-kategorija (jiġifieri indikaturi mhux speċifikati fit-Tabella 1 fl-Anness), għal kull wieħed mix-xenarji ta' pjan ta' rkupru tagħha, jekk is-CCP tikkunsidra li l-indikaturi proposti fit-Tabella 1 fl-Anness ma humiex xierqa. F'każ bħal dan, is-CCP għandha tipprovdi ġustifikazzjoni lill-awtorità kompetenti tagħha.
21. Is-CCP għandha tikkalibra u tikkwantifika (eż. billi tistabbilixxi limiti) l-indikaturi tal-kategorija (a) u tal-kategorija (b), fejn possibbi, fuq il-bażi tal-karatteristiċi u l-ispeċifiċitajiet tas-CCP fir-rigward tal-profil tar-riskju tagħha (inkluż il-livell ta' kumplessità, struttura, eċċ.)., konsistenti mal-Linja Gwida 2.
22. Sabiex toħloq l-indikaturi tal-kategorija (c) tagħha (indikaturi li jindikaw l-użu ta' miżuri ta' rkupru speċifiċi), is-CCP għandha tuża kwalunkwe waħda mill-għażiex seguenti:
 - a) Definizzjoni tas-sitwazzjoni jew markatur li jindika l-użu tal-miżura ta' rkupru speċifiċa;
 - b) Indikazzjoni tal-fatturi jew ċirkustanzi prinċipali li jiġu evalwati u li jiggwidaw il-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni għall-użu tal-miżuri ta' rkupru;
 - c) Tiġi pprovduta dijagramma sekwenzjali jew għoddha simili li tispjega l-kriterji u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni għall-użu tal-miżuri ta' rkupru;
 - d) Indikazzjoni li l-miżura tal-pjan ta' rkupru tikkostitwixxi parti minn sekwenza ordnata (eż. is-CCP tista' toħloq ċart li tindika s-sekwenza (preżunta) ta' miżuri ta' rkupru speċifiċi li kieku jintużaw fil-konfront ta' kull xenarju ta' pjan ta' rkupru.
23. Is-CCP għandha tiprovdi lill-awtorità kompetenti tagħha bi spiegazzjoni dwar kif ġew determinati l-kalibrazzjonijiet tal-indikaturi u analiżi li turi li l-indikaturi tal-kategorija (a) jiġu skattati kmieni biżżejjed biex ikunu effettivi.

Linja Gwida 4: Integrazzjoni tal-indikaturi tal-pjan ta' rkupru tas-CCP mas-sistema ta' monitoraġġ tas-CCP

24. Sabiex tintegra l-indikaturi tal-pjan ta' rkupru mas-sistema ta' monitoraġġ tas-CCP, is-CCP għandha:

- a) tissorvelja “t-tipi u s-sorsi ta’ riskju rilevanti” kollha (kif identifikati fil-Linji Gwida dwar ix-Xenariji ta’ Pjan ta’ Rkupru tas-CCP - ESMA91-372-1701);
- b) tissorvelja l-liwidità u n-numru ta’ parteċipanti tas-suq attivi għall-attivitajiet li jikkirjaw u għall-assi li jżommu bħala kollateral jew investimenti;
- c) tissorvelja kwalunkwe xejra fin-numru u s-severità ta’ inċidenti fis-CCP u fl-FMIs li s-CCPs huma esposti għalihom;
- d) iżżomm u tissorvelja lista ta’ entitajiet li jistgħu jkunu sorsi ta’ riskju materjali, inkluż:
 - (i) il-membri li huma l-kontributuri prinċipali tar-riskju għas-CCP (eż. permezz tal-fond ta’ inadempjenza);
 - (ii) CCPs interoperabbi;
 - (iii) l-entitajiet, il-fornituri tas-servizzi jew l-Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju li jistgħu jkunu ta’ riskju ta’ likwidità materjali fil-każ ta’ diffikultà finanzjarja jew operazzjonali;
 - (iv) il-membri li jistgħu jkunu sors materjali ta’ telf simultanju ta’ inadempjenza u mhux ta’ inadempjenza.

Linja Gwida 5: Żamma ta’ indikaturi ta’ pjan ta’ rkupru tas-CCP

25. Is-CCP għandha tevalwa u fejn neċċesarju taġġorna l-indikaturi tal-pjan ta’ rkupru tagħha, skont il-Linji Gwida 1 – 4, kull darba li s-CCP tirrevedi l-pjan ta’ rkupru tagħha skont l-Artikolu 9(9) tas-CCPRRR.

VI. Annessi

Tabella 1: Matriċi għall-ħolqien ta' indikaturi ta' pjan ta' rkupru

Tipi ta' Xenarji ta' Pjan ta' Rkupru	Indikaturi tal-kategorija (a) (“Indikaturi li jipprovdu twissijiet bikrija għal azzjonijiet ta' rkupru”)	Indikaturi tal-kategorija (b) (“Indikaturi li jindikaw li ċ-ċaqliq mill-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' Business as Usual għall-fażi ta' rkupru”).
1a. Event ta' inadempjenza li jikkawża telf finanzjarju li jippropoga permezz tas-sekwenza kuntrattwali tas-CCP b'ritorn għal-ġestjoni tal-assi/passiv permezz ta' għodod volontarji bbażati fuq is-suq	<p>Inadempjenza ta' membru wieħed jew iktar li l-effett ikkombinat tagħhom jista' jikkonsma perċentwal sinifikanti mill-fond tal-inadempjenza tas-CCP.</p> <p>Il-bidu ta' proċess ta' ġestjoni tal-inadempjenza b'portafoll(i) li għandhom telf b'valwazzjoni skont is-suq li jeċċedi [marġnijiet tal-membru/i inadempjenti + Dak li għandhom x'jilfu + ammont sinifikanti mid-daqs totali tal-fond tal-inadempjenza].</p> <p>Probabbiltà għolja ta' inadempjenza ta' membru wieħed jew iktar li l-effett ikkombinat tagħhom jista' jikkonsma perċentwal sinifikanti mill-fond tal-inadempjenza tas-CCP. Il-probabbiltà ta' inadempjenza tkun indikata minn indikaturi bbażati fuq is-suq.</p>	<p>Telf ta' inadempjenza realizzat jew previst li jikkonsma r-riżorsi prefinanzjati kollha tal-fond tal-inadempjenza.</p>

Tipi ta' Xenarji ta' Pjan ta' Rkupru	<i>Indikaturi tal-kategorija (a) ("Indikaturi li jipprovdu twissijiet bikrija għal azzjonijiet ta' rkupru")</i>	<i>Indikaturi tal-kategorija (b) ("Indikaturi li jindikaw li ċ-ċaqliq mill-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' Business as Usual għalli-fażi ta' rkupru").</i>
<p>1b. Event ta' inadempjenza interoperabbi tas-CCP li jikkawża telf finanzjarju li jippropoga permezz tas-sekwenza kuntrattwali tas-CCP</p>	<p>Inadempjenza interoperabbi tas-CCP f'kundizzjonijiet tas-suq diffiċli meta din it-tip ta' entità tirrappreżenta waħda mill-ikbar skoperturi tas-CCP.</p> <p>Probabbiltà għolja ta' inadempjenza interoperabbi tas-CCP f'kundizzjonijiet tas-suq diffiċli meta din it-tip ta' entità tirrappreżenta waħda mill-ikbar skoperturi tas-CCP.</p> <p>Inadempjenza kkombinata ta' membru u ta' CCP interoperabbi li l-effett ikkombinat tagħhom ikun jirrapreżenta sfida sinifikanti għall-finanzjament tas-CCP.</p> <p>Probabbiltà għolja ta' inadempjenza kkombinata ta' membru u ta' CCP interoperabbi li l-effett ikkombinat tagħhom ikun jirrapreżenta sfida sinifikanti għall-finanzjament tas-CCP.</p>	<p>Telf ta' inadempjenza realizzat jew previst li jikkonsma r-riżorsi prefinanzjati rilevanti kollha disponibbli biex ikopru l-inadempjenza ta' CCP interoperabbi.</p>
<p>2. Event ta' inadempjenza li jikkawża telf finanzjarju bi proċess ta' ġestjoni ta' inadempjenza li jeħtieġ l-użu ta' arranġamenti obbligatorji u bbażati fuq ir-regoli (kif stabbilit fil-pjan ta' rkupru tas-</p>	<p>Identifikazzjoni bikrija tal-potenzjal ta' responsabbiltà sabiex terġa' tiġi stabilita mill-ġdid il-ġestjoni tal-assi/passiv permezz ta' għodod volontarji bbażati fuq is-suq minħabba karakteristiċi tal-portafoll ir-kantati, kundizzjonijiet tas-suq jew fatturi operazzjonali.</p>	<p>Is-CCP ma tistax tistabbilixxi mill-ġdidi ġestjoni tal-assi/passiv mingħajr miżuri ta' rkupru.</p>

Tipi ta' Xenarji ta' Pjan ta' Rkupru	<i>Indikaturi tal-kategorija (a) ("Indikaturi li jipprovdu twissijiet bikrija għal azzjonijiet ta' rkupru")</i>	<i>Indikaturi tal-kategorija (b) ("Indikaturi li jindikaw li ċ-ċaqliq mill-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' Business as Usual għalli-fażi ta' rkupru").</i>
CCP) sabiex tiġi stabilita mill-ġdid il-ġestjoni tal-assi/passiv.		
3. Event mhux ta' inadempjenza li jipprevjeni lis-CCP milli-twettaq il-funzjonijiet kritiċi tagħha	<p>Event ta' kontinwità tan-negożju jew akkumulazzjoni ta' inċidenti operazzjonali jew xejra ta' deterjorazzjoni fis-sistemi tas-CCP jew fis-servizzi ta' parti terza li tiprovd servizzi kritiċi għas-CCP, jew perċezzjoni ta' theddida ċibernetika ikbar.</p> <p>Is-CCP issir inqas konxja bl-irtirar probabbli ta' ċerti servizzi relatati.</p> <p>Bidliet probabbli fil-qafas legali li jistgħu jwasslu għal tfixxil materjali fil-provvista tas-servizz tas-CCP.</p>	<p>Il-parti terza li tiprovd servizzi kritiċi lis-CCP ma tistax jew ma tridx tiprovd s-servizz tagħha.</p> <p>Inabbiltà li s-sistema tas-CCP tkompli titħaddem irrispettivament mill-oriġini tal-inċident.</p> <p>Dispożizzjonijiet legali ġodda (eż-leġiżlazzjoni jew deċiżjoni ta' qorti) li jaffettwaw il-kapaċità tas-CCP li twettaq il-funzjonijiet kritiċi tagħha.</p>
4. Event mhux ta' inadempjenza li jikkawża telf finanzjarju	<p>Falliment ta' entità ta' parti terza bil-potenzjal li jinħoloq telf-finanzjarju materjali dirett jew indirett.</p> <p>Probabbiltà għolja ta' falliment ta' entità ta' parti terza bil-potenzjal li jinħoloq telf-finanzjarju dirett jew indirett.</p>	<p>Telf realizzat jew previst li jikkonsma rr-iżorsi kapitali rilevanti kollha.</p>

Tipi ta' Xenarji ta' Pjan ta' Rkupru	<i>Indikaturi tal-kategorija (a) ("Indikaturi li jiprovdu twissijiet bikrija għal azzjonijiet ta' rkupru")</i>	<i>Indikaturi tal-kategorija (b) ("Indikaturi li jindikaw li ċ-ċaqliq mill-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' Business as Usual għall-fażi ta' rkupru").</i>
	<p>Riskju legali bi probabbiltà għolja li jimmaterjalizza u l-potenzjal li jinħoloq impatt materjali fuq ir-riżorsi tas-CCP.</p> <p>Frodi, attakk ċibernetiku jew event operazzjonali bil-potenzjal li jinħoloq telf finanzjarju sever.</p> <p>Telf ta' investiment bil-potenzjal li jinħoloq impatt finanzjarju sever.</p>	
5. Event ta' inadempjenza li jikkawża nuqqas ta' likwidità	<p>Falliment ta' membru wieħed jew iktar li l-effett ikkombinat tagħhom ikun jirrapreżenta sfida sinifikanti għall-pożizzjoni tal-likwidità tas-CCP.</p> <p>Probabbiltà għolja ta' falliment ta' wieħed jew iktar mill-membri li l-effett ikkombinat tagħhom ikun jirrapreżenta sfida sinifikanti għall-pożizzjoni tal-likwidità tas-CCP. Il-probabbiltà ta' inadempjenza tkun indikata minn indikaturi bbażati fuq is-suq.</p> <p>Degradazzjoni ta' indikaturi ta' likwidità interna li jindikaw pożizzjoni ta' likwidità inqas mil-limitu minimu kif iddefinit mis-CCP.</p>	Nuqqas ta' likwidità realizzat jew previst li jeżawixxi l-kapaċità kollha tal-ġenerazzjoni tal-likwidità f'sitwazzjoni ta' BAU kif iddefinita mis-CCP.

Tipi ta' Xenarji ta' Pjan ta' Rkupru	<i>Indikaturi tal-kategorija (a) ("Indikaturi li jipprovdu twissijiet bikrija għal azzjonijiet ta' rkupru")</i>	<i>Indikaturi tal-kategorija (b) ("Indikaturi li jindikaw li ċ-ċaqliq mill-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' Business as Usual għall-fażi ta' rkupru").</i>
6. Event mhux ta' inadempjenza li jikkawża nuqqas ta' likwidità	<p>Degradazzjoni ta' indikaturi ta' likwidità interna li jindikaw pożizzjoni ta' likwidità taħbi il-livell minimu kif iddefinit mis-CCP.</p> <p>Telf/tneħħija ta' servizz ta' likwidità (tmiem ta' kuntratt, kontroparti li tirrifjuta lis-CCP, kontroparti li titlaq mis-suq għal dan is-servizz, eċċ.) li huwa materjali għall-pożizzjoni ta' likwidità tas-CCP.</p> <p>Falliment operazzjonali jew finanzjarju ta' entità ta' parti terza, Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju jew fornitur ta' servizz li għandu l-potenzjal li jikkawża impatt materjali fuq il-pożizzjoni tal-likwidità tas-CCP.</p>	Nuqqas ta' likwidità realizzat jew previst li jeżawixxi l-kapaċità kollha tal-ġenerazzjoni tal-likwidità f'sitwazzjoni ta' BAU kif iddefinita mis-CCP.
7. Event(i) li jikkawżaw telf-simultanju ta' inadempjenza u mhux ta' inadempjenza	<p>Falliment ta' entità li ġiet identifikata bħala sors potenzjali ta' telf-simultanju ta' inadempjenza u mhux ta' inadempjenza.</p> <p>Probabbiltà għolja ta' falliment ta' entità li ġiet identifikata bħala sors potenzjali ta' telf-simultanju ta' inadempjenza u mhux ta' inadempjenza.</p>	Falliment ta' entità waħda jew iktar li l-effett ikkombinat tagħhom joħloq kemm telf ta' inadempjenza kif ukoll mhux ta' inadempjenza li jiskatta kwalunkwe wieħed mill-indikaturi msemmija tal-kategorija (b) (<i>indikaturi li jindikaw iċ-ċaqliq minn ġestjoni ta' riskju f'sitwazzjoni ta' Business as Usual għall-fażi ta' rkupru</i>) ta' telf ta' inadempjenza,

Tipi ta' Xenarji ta' Pjan ta' Rkupru	<i>Indikaturi tal-kategorija (a) (“Indikaturi li jipprovdu twissijiet bikrija għal azzjonijiet ta’ rkupru”)</i>	<i>Indikaturi tal-kategorija (b) (“Indikaturi li jindikaw li ċ-ċaqliq mill-ġestjoni tar-riskju f’sitwazzjoni ta’ Business as Usual għalli-fażi ta’ rkupru”).</i>
		telf mhux ta' inadempjenza jew xenarji ta' nuqqas ta' likwidità.